# IT-TALLABA.

## (MINN TA' MATILDE SERAO)

*(Jaqbad fuq il-għadd ta' qabel u jispiċċa)*

Il-ġurnata tal-Hadd li ġiet wara, it-tfajla kienet tħossha qiegħda tmut. Kull-tant kienu jerħuha l-forzi u kienet tintelaq kobba fl-art. Il-ħwienet kienu magħluqin, in-nies, għaddejja mgħaġġla, ma kinux jatu kontha, kollha kienu sejrin lejn it-toroq ta' fuq, u jgħibu 'l hemm: hi baqgħet tħares lejhom minngħajr ma taf għal fejn. Daħlet fil-knisja ta' Portanova. Il-knisja kienet battala, dehritilha kbira u tal-biża; tâtha tkexkixa bard, saqajha ħafjin fuq l-irħam; is-sagristan, ħatafha minn għonqha u tefagħha l-barra. Reġgħet bdiet tiġri qalb dawk it-triqat bla nies: rat ruħha weħida, sewdet qalbha. Kull-ħadd kien telqilha 'l hemm fuq.

Hawn, insiet il-biża' tagħha; imġiegħla mill-ġuħ, qabżet it-triq, għaddiet il-misraħ ta' "Rua Catalana", telgħet it-turġien ta' San Ġużepp.

Stagħġbet mita rat dak li qatt ma kienet rat qabel: triq, wiesgħa, ħwienet sbieħ, palazzi kbar, ġonna mimlija siġar, wiċċ is-sema fil-beraħ. Insiet il-ġuħ tagħha quddiem dak il-ġmiel: ma ħasbetx iżjed, insiet il-għaks tagħha, u waqfet tħares, maħruġa minnha nfisha, lejn ħanut tal-pupi. Hemm fuq kien kollox sabiħ! hi baqgħet miexja man-nies li kienu sejrin lejn il-għajn il-kbira "Medina", tieqaf kull-mument, imqanqla, kurjuża, mifxula, insiet titlob il-karità. Il-karrozzi biss beżżgħuha b'dak it-tislib tagħhom ma jaqta' xejn, telgħet timxi fuq il-bankina. Fil-misraħ tal-"Muniċipju", il-għajja rikibha, għalhekk intelqet fuq bank biswit il-ġonna; stejqret wara ftit, qamet u ġriet hija wkoll lejn *San Karlu:* hemm intilfet qalb il-folla, ċkejkna bħal ma kienet, sabet ruħha mkarkra lejn *San Ferdinandu.* Ma rat xejn, mank tidher fost in-nies; ħasset ruħha flokha! Kull-tant kienet tara għaddej minn fuq rasha bukkett ward, inbagħad ieħor, inbagħad xita sħiħa ta' ward: minn xi daqqiet il-folla kienet tinxeħet fuq ġenb wieħed, biex tgħaddi karrozza b'sinjura minn l-isbaħ ġewwa fiha, qiegħda fost il-ward u d-damask. It-tfajla stħajlitha li qiegħda toħlom: skantat b'dak li rat. Għadda ħafna ħin u beda jidlam.

Beda jidlam: ix-xħit tal-ward beda jonqos, il-ħsejjes jit-biegħdu, in-nies titbattal. Ma' ġenb it-tfajla għaddiet mara tant

sabiħa, b'libsa sewda, skullata, wiċċha abjad u daħkani, b'imsielet tad-djamanti f'widnejha: kellha f'idha kannestru mimli ward, bukketti u blanzuni l-aktar ifuħu. Kienet bejjiegħa l-fjuri ta' ġmiel liema bħalu, b'qiegħ il-kannestru mimli flus.

"Sinjura, sinjura!—insemgħet vuċi ta' tarbija l-aktar ħelwa—Tini warda!" Kien leħen it-tallaba.

U dik il-mara sabiħa b'bixla ħelwa u ħafifa ħalliet taqa' f'idejn it-tfajla qabda qronfol. It-tallaba daħkitilha u waħħlet qronfla f'tiċrita tal-qmis, u riedet hija wkoll tbiegħ il-fjuri, iżda n-nies minn għandha ma ridux jixtru. Student, moħħu fuq il-werqa, qalilha: "mita tikber iżjed, tkun tista' tbiegħ il-fjuri".—Sinjur smin u ta' qalb xierfa bida jgħajjat, u joħodha kontra t-tlaleb u kontra n-nuqqas ta' ħila tal-pulizija il ma twaqqafx dan il-ksir ir-ras. It-tfajla ma fehmitx dak iż-żebligħ, iżda fehmet li kienu q'ed irexuha. Anqas hemm fuq ma sabet ħniena! Hi kienet imqattgħa ċraret, ħafja u kerha: għajnejha kbar u mberrqa, kienu jbeżżgħu, rasha mqanfda, snienha bojjod, u xuftejha sofor. Hawn il-ġuħ reġa' għamel biha aktar qalil minn qabel, dak il-ħin kienet biswit il-lukanda franċiża, mnejn kienet ħierġa riħa ta' ħobż frisk u ta' laħam mixwi, li kienet sejra tatiha għaxwa. Idejha bdew joffru l-fjuri bla ma fommha seta' jitkellem, karba ċkejkna qanqlitilha sidirha. Għadda suldat, xtara qronfla, u taha sold. Kien biżżejjed għaliha! It-tfajla daħkitlu, u daħlet il-forn biex tixtri ħbejża. Riedet titlaq, imma reġa' qabadha l-biża'. Dawk il-karrożżi kienu jistorduha, hi li kienet trid tgħaddi għan-naħa l-oħra. Għaddset rasha, telqet tiġri.........F'karrozza, sinjura, għajtet għajta u ntilfet.

Fit-triq, ħdejn il-bankina kienet tinsab agunija tfajla innoċenti, b'saqajha miksurin, u mgħarr'ra f'demmha. Ruħha ħierġa: bil-qronfol imdawwar magħha, b'idha l-waħda tagħfas qronfla fuq sidirha, u b'idha l-oħra żżomm il-ħbejża, b'wiċċha safrani, kwieta u siekta, ħalqha mbexxaq, bid-demm iċarċar ma' xufftejha, b'għajnejha kbar mistagħġbin iħarsu lejn is-Sema.

Mietet!......

Nies ta' qalb ħanina, ieqfu ħarsu lejha: għinu bil-karità tagħkom lill-fqajrin u taffulhom kemm tistgħu d-dwejjaq u n-niket tagħhom!

TMIEM.

**Ġużè Micallef Goggi.**